REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/79

tad-19 ta' Jannar 2022

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-reġistrazzjoni, it-trażmissjoni u l-preżentazzjoni tad-*data* tal-implimentazzjoni tal-livell ta' operazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) 2021/1139 ("ir-Regolament FEMSA") jistabbilixxi qafas għal ġestjoni kondiviża billi jirrikjedi li l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni b'*data* tal-implimentazzjoni tal-livell ta' operazzjoni rilevanti. Din id-*data* teħtieġ tinkludi l-karatteristiċi ewlenin ta' kull benefiċjarju u ta' kull operazzjoni appoġġata mill-FEMSA taħt ġestjoni kondiviża. Dan ir-rekwiżit jikkumplimenta dak stabbilit fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) dwar it-trażmissjoni ta' *data* kumulattiva għal kull programm.

(2) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u l-kompletezza tad-*data*, kemm għall-awtoritajiet ta' ġestjoni kif ukoll għall-Kummissjoni, huwa meħtieġ li jiġi pprovdut format komuni kif ukoll speċifikazzjonijiet u regoli tekniċi komuni għall-preżentazzjoni ta' dik id-*data*.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jeħtieġu japplikaw minnufih, biex jiffaċilitaw ir-reġistrazzjoni konsistenti tad-*data* mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għar-reġistrazzjoni, it-trażmissjoni u l-preżentazzjoni tad-*data* tal-implimentazzjoni tal-livell ta' operazzjoni msemmija fl-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) 2021/1139 ("*data* dwar l-implimentazzjoni").

Artikolu 2

Reġistrazzjoni u trażmissjoni ta' *data* ta' implimentazzjoni

L-awtoritajiet ta' Ġestjoni għandhom jirreġistraw u jipprovdu lill-Kummissjoni b'*data* tal-implimentazzjoni għal kull operazzjoni appoġġata taħt ġestjoni kondiviża f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness I.

([1]) ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

Artikolu 3

Preżentazzjoni tad-*data*

L-Awtoritajiet ta' Ġestjoni għandhom jippreżentaw id-*data* tal-implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet previsti fit-tabelli stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

FORMAT GĦAT-TRAŻMISSJONI TAD-DATA

Tabella 1

Deskrizzjoni tal-operazzjoni

Qasam	Kontenut tal-qasam	Tip ta' qasam	Tul tal-qasam	Format tal-Ħżin	Kumment	Rabta mal-Anness VII tas-CPR
01	CCI	test	15		Kodiċi komuni ta' identifikazzjoni tal-programm. Mhux applikabbli għal ġestjoni diretta u indiretta.	
02	Identifikatur Uniku tal-Operazzjoni (ID)	test	255		Meħtieġ għall-operazzjonijiet kollha appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd FEMSA.	Tabella 1, qasam 13. Tabella 4, qasam 6. Tabella 5, oqsma 11, 12.
03	Deskrizzjoni tal-operazzjoni	test	255		Meħtieġ għall-operazzjonijiet kollha appoġġati mill-FEMSA.	
04	Numru tar-reġistru tal-flotta komuni (CFR)	test twil	63 999		Fejn rilevanti. Numru tar-reġistru tal-flotta komuni (CFR) skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 ([1]) — bastiment wieħed għal kull operazzjoni: Numru tas-CFR — aktar minn bastiment wieħed għal kull operazzjoni: Numri tas-CFR bħal CSV (Karattru b'Valur Isseparat). Punt u virgola ";" għandha tintuża bħala separatur. L-ebda bjank, l-ebda virgoletti.	
05	Settur li l-operazzjoni qed tikkontribwixxi għalih	test	2		Ara l-kodiċi fit-Tabella 1 tal-Anness II. Għażla waħda biss tista' issir.	
06	Objettiv speċifiku	test	5		Għal ġestjoni kondiviża: ara n-nomenklatura fl-Anness II tar-Regolament FEMSA. Għal ġestjoni diretta u indiretta: ara n-nomenklatura fil-programm ta' ħidma adottat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament FEMSA.	

07	Kodiċi NUTS	test	5		Verżjonijiet NUTS biss validi matul il-perjodu ta' programmazzjoni, jiġifieri Klassifikazzjoni NUTS 2021 jew aktar tard. Ara r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 jew https://ec.europa.eu/eurostat/web/nuts/background. L-ebda spazju. NUTS 3 b'mod awtomatiku, NUTS 2 għal-livell nazzjonali kif xieraq jekk l-operazzjoni tkun relatata ma' reġjun akbar jew l-Istat Membru kollu. "TCX1" għal operazzjonijiet f'pajjiżi terzi.	
08	Isem il-benefiċjarju	test	255			
09	Kodiċi tal-benefiċjarju	test	250		Kodiċi uniku. Għal ġestjoni kondiviża: abbażi tas-sistema nazzjonali tal-applikazzjoni.	
10	Tip ta' benefiċjarju	test	2		Ara l-kodiċi fit-Tabella 2 tal-Anness II. Għażla waħda biss tista' issir.	
11	Ġeneru tal-benefiċjarju/ persuna fiżika	test	2		Ara l-kodiċi fit-Tabella 3 tal-Anness II. Għażla waħda biss tista' issir.	
12	Għadd ta' persuni involuti direttament fl-operazzjoni	numru		numru sħiħ twil	Jeskludi kuntratturi u persuni/impjegati li ma jipparteċipawx direttament fl-operazzjoni.	
13	Għadd ta' sħab involuti fl-operazzjoni	numru		numru sħiħ twil		
14	Sieħeb ewlieni	test	2		Ara l-kodiċi fit-Tabella 4 tal-Anness II.	
15	Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax fil-barra jew f'ilmijiet interni jew it-tnejn	test	2		Ara l-kodiċi fit-Tabella 5 tal-Anness II.	
16	L-istat ta' progress tal-operazzjoni	test	2		Ara l-kodiċi fit-Tabella 6 tal-Anness II.	Tabella 1, qasam 13. Tabella 4, qasam 6. Tabella 5, oqsma 11, 12. Tabella 9, oqsma 11, 12, 13, 14.
17	Kost totali eliġibbli (EUR)	numru		doppju	L-ebda sinjal tal-munita.	

18	Kost totali eliġibbli pubblika (EUR)	numru		doppju	L-ebda sinjal tal-munita.	Tabella 1, qasam 8. Tabella 4, qasam 4.
19	Appoġġ mill-FEMSA (EUR)	numru		doppju	L-ebda sinjal tal-munita.	Tabella 1, qasam 9.
20	Data tal-approvazzjoni tal-applikazzjoni għall-appoġġ	data		jj/xx/ssss		
21	Nefqa totali eliġibbli (EUR)	numru		doppju	L-ebda sinjal tal-munita.	
22	Nefqa pubblika totali eliġibbli (EUR)	numru		doppju	L-ebda sinjal tal-munita.	Tabella 1, qasam 11. Tabella 4, qasam 5.
23	Nefqa eliġibbli tal-FEMSA (Euro)	numru		doppju	L-ebda sinjal tal-munita.	
24	Id-data tal-aħħar pagament lill-benefiċjarju	data		jj/xx/ssss		
25	Tip ta' intervent	test	2		Għal ġestjoni kondiviża: Ara l-kodiċijiet fl-Anness IV tar-Regolament FEMSA. Għal ġestjoni diretta u indiretta: ara l-kodiċijiet fit-Tabella 9 tal-Anness II.	Tabella 4, qasam 3.
26	Tip ta' operazzjoni	test	2		Ara l-kodiċi fit-Tabella 7 tal-Anness II	
27	Żieda fit-tunnellaġġ gross ta' bastiment tas-sajd skont l-Artikolu [19 (3)] tar-Regolament FEMSA	numru		doppju	Ammont addizzjonali ta' GT. Vojta f'każ li l-operazzjoni ma tkunx relatata mal-Artikolu [19 (3)].	
28	Deskrizzjoni tas-segment tal-flotta rilevanti għall-qasam 27	test	255		Jekk rilevanti, id-deskrizzjoni tas-segment(i) tal-flotta tal-oriġini tat-tunnellaġġ gross allokat lill-bastiment li jibbenefika mill-operazzjoni kif ippreżentata fir-rapport annwali previst skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni COM (2014) 545.	
29	Operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira (SSCF)	test	2		01 jew 02 biss huma permessi. Ara l-kodiċi fit-Tabella 4 tal-Anness II.	

30	Operazzjoni rilevanti għall-obbligu ta' ħatt l-art	test	2		01 jew 02 biss huma permessi. Ara l-kodiċi fit-Tabella 4 tal-Anness II.	
31	Operazzjoni rilevanti għat-tibdil fil-klima	test	2		01 jew 02 biss huma permessi. Ara l-kodiċi fit-Tabella 4 tal-Anness II.	
32	Operazzjoni rilevanti għan-nondiskriminazzjoni	test	2		01 jew 02 biss huma permessi. Ara l-kodiċi fit-Tabella 4 tal-Anness II.	
33	Operazzjoni rilevanti għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri	test	2		01 jew 02 biss huma permessi. Ara l-kodiċi fit-Tabella 4 tal-Anness II.	
34	Operazzjoni rilevanti għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità	test	2		01 jew 02 biss huma permessi. Ara l-kodiċi fit-Tabella 4 tal-Anness II.	
35	Forma ta' appoġġ	test	2		Ara l-kodiċi fit-Tabella 8 tal-Anness II. Għażla waħda biss tista' issir.	
36	Preċedentement, il-benefiċjarju irċieva appoġġ mill-FEMS/FEMSA?	test	2		01 jew 02 biss huma permessi. Ara l-kodiċi fit-Tabella 4 tal-Anness II.	

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9).

Tabella 2

Indikaturi applikabbli għall-operazzjoni

Qasam	Kontenut tal-qasam	Tip	Tul tal-qasam	Format	Kumment	Rabta mal-Anness VII tas-CPR:
1	CCI	test	15		Link għat-Tabella I (attribut ewlieni)	
2	Identifikatur Uniku tal-Operazzjoni (ID)	test	255		Link għat-Tabella I (attribut ewlieni)	Tabella 1, qasam 13. Tabella 4, qasam 6. Tabella 5, oqsma 11, 12.
37	Kodiċi(jiet) komuni tal-indikatur(i) tar-riżultat applikabbli għall-operazzjoni (għadd ta' ringieli rilevanti)	test	6		Ara l-kodiċijiet fit-Tabella 10 tal-Anness II	Tabella 9, qasam 5.

38	Valur bażi	numru		doppju		Tabella 9, oqsma 11, 13.
39	Riżultat indikattiv mistenni mill-benefiċjarju (ringiela waħda għal kull indikatur)	numru		doppju		Tabella 9, qasam 12.
40	Riżultat ex-post (ringiela waħda għal kull indikatur)	numru		doppju	Il-valur li jirriżulta wara li l-proġett ikun tlesta.	Tabella 9, qasam 14.

ANNESS II

PREŻENTAZZJONI TAD-DATA TA' IMPLIMENTAZZJONI

Tabella 1

Settur li l-operazzjoni qed tikkontribwixxi għaliha (Anness I, Tabella 1, qasma 5)

Kodiċi	Deskrizzjoni
01	Sajd
02	Akkwakultura
03	Qed jiġi pproċessat
04	Turiżmu
05	Ambjent
06	Marittima (minbarra s-sajd u l-akkwakultura)
07	Integrat/multisettorjali
08	Oħrajn

Tabella 2

Tip ta' benefiċjarju [1] **(Anness I, Tabella 1, qasma 10)**

Kodiċi	Deskrizzjoni
01	PO – Organizzazzjoni tal-produtturi
02	APO – Assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi
03	IBO – Organizzazzjoni interprofessjonali
04	Intrapriża privata – mikro
05	Intrapriża privata – SME (Intrapriża żgħira jew ta' daqs medju)
06	Intrapriża privata – kbira
07	Korp pubbliku
08	Ċentru ta' riċerka/università/xjentisti
09	Organizzazzjoni mhux governattiva (NGO)/assoċjazzjoni
10	Istituzzjoni edukattiva
11	LAG – Grupp ta' azzjoni lokali
12	Entitajiet mingħajr personalità ġuridika
13	Organizzazzjoni internazzjonali
14	Korpi u aġenziji tal-Kummissjoni
15	Persuni fiżiċi
16	Oħrajn

[1] Is-sieħeb ewlieni, jekk operazzjoni jkollha aktar minn benefiċjarju wieħed.

Tabella 3

Ġeneru tal-benefiċjarju/persuna fiżika (Anness I, Tabella 1, qasam 11)

Kodiċi	Deskrizzjoni
01	Persuna fiżika – raġel
02	Persuna fiżika – mara
03	Persuna fiżika – ġeneru mhux definit
04	Aktar minn persuna fiżika waħda, familja
05	Aktar minn persuna fiżika waħda, fil-biċċa l-kbira rġiel
06	Aktar minn persuna fiżika waħda, fil-biċċa l-kbira nisa
07	Mhux applikabbli. (fil-każ ta' persuni ġuridiċi)

Tabella 4

Kodiċijiet għal Iva/Le oqsma (Anness I, Tabella 1, oqsma 29–34 u 36)

Kodiċi	Deskrizzjoni
01	Iva
02	Le

Tabella 5

Indikazzjoni dwar jekk l-operazzjoni tirrigwardax il-baħar jew l-ilmijiet interni jew it-tnejn li huma (Anness I, Tabella 1, qasam 15)

Kodiċi	Deskrizzjoni
01	Baħar
02	Intern
03	It-tnejn li huma
04	Mhux applikabbli

Tabella 6

Stat tal-progress tal-operazzjoni (Anness I, Tabella 1, qasam 16)

Kodiċi	Deskrizzjoni
00	Operazzjoni magħżula
01	Operazzjoni interrotta/abbandunata wara implimentazzjoni parzjali
02	Operazzjoni li qed tiġi implimentata
03	Operazzjoni implimentata bis-sħiħ (iżda li mhux bilfors tħallsu lill-benefiċjarju n-nefqiet kollha għaliha)
04	Operazzjoni konkluża

Tabella 7

Tip ta' operazzjoni (Anness I, Tabella 1, qasam 26)

Kodiċi	Deskrizzjoni
01	Investiment fit-tnaqqis tal-użu tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika
02	Investiment f'sistemi ta' enerġija rinnovabbli
03	Investiment f'tagħmir ta' produzzjoni abbord
04	Investiment abbord biex jittejbu n-navigazzjoni jew il-kontroll tal-magna
05	Investiment fl-infrastruttura fiżika f'portijiet tas-sajd eżistenti jew f'postijiet ta' żbark ġodda jew eżistenti
06	L-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd
07	Investiment biex titjieb it-traċċabbiltà
08	Preparazzjoni u implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni minn organizzazzjonijiet tal-produtturi
09	Attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni
10	Servizzi ta' konsulenza
11	Investimenti li jappoġġaw l-iżvilupp tan-negozju (żvilupp ta' strateġija, amministrazzjoni, tagħmir)
12	Operazzjonijiet oħra ta' diversifikazzjoni tan-negozju li ma jinvolvux is-sajd, l-akkwakultura jew l-innovazzjoni
13	Skemi ta' assigurazzjoni
14	Taħriġ biex jittejbu l-ħiliet u jiġi żviluppat il-kapital uman
15	Avvenimenti
16	Sensibilizzazzjoni, komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali
17	Tiswir tal-kapaċità
18	L-iżvilupp tal-innovazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni
19	Żvilupp tal-innovazzjoni tal-proċess
20	Żvilupp tal-innovazzjoni tal-prodotti
21	Studju u riċerka
22	Qsim tal-għarfien
23	Kooperazzjoni
24	Restawr tal-kontinwità ekoloġika tax-xmajjar
25	Stokkjar mill-ġdid ta' speċijiet akkwatiċi
26	Irkupru u/jew rimi ta' skart fil-baħar
27	Servizzi ambjentali
28	Investimenti speċifiċi għat-titjib tal-ħabitats akkwatiċi u l-bijodiversità
29	Waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd
30	Waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd
31	Kumpens
32	Investimenti produttivi għal akkwakultura sostenibbli

33	Selettività tal-irkaptu biex jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa
34	Modifika tal-irkaptu biex jiġu minimizzati l-impatti tal-ħabitats
35	Selettività tal-irkaptu fir-rigward ta' speċijiet fil-periklu, mhedda u protetti
36	Użu ta' qabdiet mhux mixtieqa
37	Ġestjoni u monitoraġġ taż-żoni Natura 2000 (operazzjonijiet mhux vinkolanti)
38	Investimenti fir-restawr taż-żoni ta' Natura 2000
39	Ġestjoni u monitoraġġ ta' żoni protetti tal-baħar (operazzjonijiet mhux vinkolanti)
40	Investimenti fir-restawr ta' żoni protetti tal-baħar
41	Tnaqqis u prevenzjoni tat-tniġġis/kontaminazzjoni
42	Użu tal-ilma u titjib fil-kwalità tal-ilma
43	Investimenti għall-kontroll u l-infurzar għall-awtoritajiet pubbliċi
44	Investimenti għall-kontroll u l-infurzar għal negozji privati
45	Koordinazzjoni tal-osservazzjoni
46	Ġbir tad-*data*
47	Investiment fl-IT – hardware
48	Investiment fl-IT – software
49	Żvilupp u manutenzjoni tal-IT
50	Assemblaġġ u tixrid tad-*data*
51	Spezzjonijiet
52	Investiment fil-welfare tal-annimali
53	Kwalità tal-ikel u s-sikurezza tal-iġjene
54	Investimenti f'tagħmir tas-sikurezza
55	Investimenti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol
56	Proġetti pilota
57	Żvilupp soċjokulturali
58	Governanza
59	Animazzjoni u tiswir tal-kapaċità
60	Azzjonijiet preparatorji
61	Ġestjoni
62	Assistenza taħt Ġestjoni Diretta
63	Evalwazzjoni
64	Oħrajn (soċjali)
65	Oħrajn (ambjentali)
66	Oħrajn (ekonomiċi)

Tabella 8

Forma ta' appoġġ (Anness I, Tabella 1, qasam 35)

Kodiċi	Deskrizzjoni
01	Għotjiet
02	Strumenti finanzjarji
03	Kombinament ta' għotjiet u strumenti finanzjarji
04	Premjijiet
05	Kuntrattar (Ġestjoni diretta)

Tabella 9

Tipi ta' intervent għall-appoġġ taħt ġestjoni diretta u indiretta (Anness I. Tabella 1, qasam 25)

Kodiċi	Deskrizzjoni
17	Governanza internazzjonali tal-oċeani
18	Politika marittima
19	Parir xjentifiku
20	Kontroll u infurzar
21	Kontribuzzjonijiet volontarji lil organizzazzjonijiet internazzjonali
22	Miżuri ta' konservazzjoni
23	Kunsilli konsultattivi
24	Komunikazzjoni
25	Informazzjoni dwar is-suq

Tabella 10

Indikaturi komuni tar-riżultati (Anness I. Tabella 2, qasam 37)

Kodiċi	Deskrizzjoni	Unità ta' kejl
CR01	Kapaċità ta' produzzjoni ġdida	tunnellati/sena
CR02	Produzzjoni tal-akkwakultura miżmuma	tunnellati/sena
CR03	Negozji maħluqa	għadd ta' entitajiet
CR04	Negozji b'fatturat ogħla	għadd ta' entitajiet
CR05.1	Kapaċità tal-bastimenti rtirati	GT
CR05.2	Kapaċità tal-bastimenti rtirati	kW
CR06	Impjiegi maħluqa	għadd ta' persuni
CR07	Impjiegi miżmuma	għadd ta' persuni
CR08	Persuni li jibbenefikaw	għadd ta' persuni
CR09.1	Qasam indirizzat minn operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal status ambjentali tajjeb, il-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi	km^2

CR09.2	Qasam indirizzat minn operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal status ambjentali tajjeb, il-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi	km^2
CR10	Azzjonijiet li jikkontribwixxu għal status ambjentali tajjeb, inkluż ir-restawr tan-natura, il-konservazzjoni, il-protezzjoni tal-ekosistemi, il-bijodiversità, is-saħħa u l-welfare tal-annimali	għadd ta' azzjonijiet
CR11	Entitajiet li jżidu s-sostenibbiltà soċjali	għadd ta' entitajiet
CR12	Effettività tas-sistema għall-"ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-*data*"	skala: għolja, medja, baxxa
CR13	Attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati	għadd ta' azzjonijiet
CR14	Innovazzjonijiet permessi	għadd ta' prodotti, servizzi, proċessi, mudelli jew metodi ta' negozji ġodda
CR15	Mezzi ta' kontroll installati jew imtejba	għadd ta' mezzi
CR16	Entitajiet li jibbenefikaw minn attivitajiet ta' promozzjoni u informazzjoni	għadd ta' entitajiet
CR17	Entitajiet li jtejbu l-effiċjenza fir-riżorsi fil-produzzjoni u/jew fl-ipproċessar	għadd ta' entitajiet
CR18.1	Il-konsum tal-enerġija li jwassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2	kWh/tunnellata
CR18.2	Il-konsum tal-enerġija li jwassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2	litri/h
CR19	Azzjonijiet biex tittejjeb il-kapaċità ta' governanza	għadd ta' azzjonijiet
CR20	Investiment indott	EUR
CR21	Settijiet ta' *data* u pariri magħmula disponibbli	numru
CR22	Użu ta' pjattaformi ta' *data* u informazzjoni	għadd ta' żjarat tal-paġna